MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 27/2013

Il-Pulizija

(Spettur Robert Vella)

vs

**Anthony Tanti**

iben Francis, imwieled Hamrun fil-21 ta’ Novembru, 1955, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 772755(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Anthony Tanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli fit-30 ta` Ottubru, 2010 ghal habta tas-saghtejn u kwart ta` wara nofsinhar, 14:15hrs, gewwa dawn il-gzejjer bil-hsieb li jikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Charlie (Carmelo) Saliba wera dan il-hsieb billi b’atti esterni ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt permezz ta` arma rregolari u cioe` frostin taz-zwiemel u oggett iehor iebes u kif ukoll billi saq vettura BBR 496 fid-direzzjoni tal-imsemmi Charlie (Carmelo) Saliba, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur ta` l-artikoli 41 (1)(a), 64, 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe` vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAV 765 ghad-dannu ta` Charlie (Carmelo) Saliba liema hsara teccedi mija u sittax ewro u sebgha u erbghin ewro centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin ewro centezmu (€1,164.69) u dan bi ksur ta` l-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Charlie (Carmelo) Saliba u ikkagunalu griehi ta` natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr. Satya Brata Das, MD (Med. Reg. No. 2141) u dan bi ksur ta` l-artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. Talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u il-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta` l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

6. Talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBR 496, b'manjiera perikoluza, bla kont u traskurata u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1)(a)(2) u 18(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. Talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBR 496 meta ma kienx kopert b'polza ta` sigurta` dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tissospendi lil Anthony Tanti milli jzomm kwalunkwe xorta ta` licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidrilha xieraq l-istess Onorabbli Qorti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` ta` Charlie (Carmelo) Saliba billi tapplika l-provvedimenti ta` Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta` l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li kien misjub hati ta` diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Jannar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat, semghet il-provi u t-trattazzjonijiet tal-prosekuzzjoni u d-difiza, u rat illi l-*parte civile* Charlie *sive* Carmelo Saliba rrinunzja ghal dak kollu li kien rinunzjabbli, sabet lill-appellat hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjonijiet, filwaqt li sabitu mhux hati tas-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet, kif ukoll tat-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet *stante* r-rinunzja tal-*parte civile* fir-rigward ta' dawn iz-zewg akkuzi.

Il-Qorti lliberat lill-appellat mit-tielet (3), ir-raba' (4), is-sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet, u, fir-rigward ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjonijiet, wara li rat l-atti kollha kif ukoll li l-addebitu tar-recidiva kien gie ppruvat, ikkundannat lill-imputat skont l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligihiet ta' Malta ghal tmintax (18)-il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-4 ta' Frar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha **<u>tirriforma</u>** s-sentenza appellata billi:

1. Thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tas-seba' (7) imputazzjoni u minflok issibu hati taghha u tinfliggi l-piena skond il-ligi; u
2. Tikkonfermaha fil-bqija.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-23 ta' Jannar 2013 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament żbaljata u

għamlet enunċazzjoni kompletament żbaljata tal-liġi meta lliberat lill-appellat **<u>mis-seba' (7) imputazzjoni</u>** dedotta fil-konfront tieghu. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini ta' l-artikolu 413(1)(b)(*vi*) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent appellant qieghed jaghmilha cara minn issa li **<u>dan l-umli appell jirrigwarda unikament u esklussivament is-seba' (7) imputazzjoni</u>**, u cioe' dik ta' sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni, tant li kif ser jirrizulta mit-talba ahharija, ser tintalab biss ir-revoka ta' dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellat mhux hati ta' din l-imputazzjoni, u il-konferma tal-bqija.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat mis-seba' (7) imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu.

Illi a skans ta' dilungar inutli, l-esponent appellant jaghmel referenza ghas-segwenti fatti **<u>li huma inkontestati:</u>**

1. Huwa nkontestat illi l-appellat kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBR-496 fid-data u hin *de quo*;
2. Huwa nkontestat illi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBR-496, li kien qieghed isuq l-appellat, kellha l-licenzja tat-triq skaduta;
3. Huwa nkontestat illi l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBR-496, li kien qieghed isuq l-appellat, ma kellhiex polza ta' assikurazzjoni;
4. Huwa nkontestat illi l-appellat, bhala negozjant tal-vetturi wzati, ghandu fil-pussess tieghu sett pjanci *Trial Run*, fuq liema pjanci hemm polza ta' assikurazzjoni valida;
5. Huwa wkoll inkontestat li meta l-appellat kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBR-496 fid-data u hin de quo, liema vettura ma kellhiex polza ta' assikurazzjoni, il-pjanci *Trial Run* **<u>ma kienux</u>** imwahhlin ma' din l-istess vettura.

Stabbiliti dawn il-hames fatti nkontestati, il-kaz kollu jipperna fuq domanda wahda: ***<u>Jekk il-pjanci 'Trial Run', debitament mahruga f'isem l-appellat u debitament</u>***

***<u>koperti b'polza ta' assikurazzjoni valida, kienux ikopru l-assikurazzjoni tal-vettura BBR-496 li kienet qed tinstaq mill-appellat MINGHAJR dawn il-pjanci.</u>***

Filwaqt illi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti l-appellat argumenta li iva, il-pjanci *Trial Run* ikopru din is-sitwazzjoni, u l-Qorti laqghet dan l-argument, **<u>il-ligi u l-kazistika nostrana espressament u invarjabbilment jghidu mod iehor!</u>**

Illi l-Ewwel Onorabbi Qorti, fis-sentenza taghha, iddisponiet minn dan l-argument kif gej:

> *"Ghal din il-Qorti, anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, il-Prosekuzzjoni ghandha ragun u l-vettura ma kellhiex imwahhla maghha t-Trial Plates sotto diskussjoni, il-haga essenzjali hija l-assenjazzjoni ta' Trial Plates awtentici lil bniedem illi, min-natura tal-attivita' kummercjali tieghu, huwa ntitolat ghalihom. B'hekk, anke jekk dan il-bniedem izomm dawn il-plates gewwa l-garaxx tieghu, il-vetturi kollha li jinstabu taht il-pussess tieghu per natura tax-xoghol tieghu huma koperti mill-ligi purche' li dawk il-vetturi qeghdin jigu wzati skond kif, fil-fatt, dik il-persuna hija awtorizzata li tuzhom. Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-akkuza".*

Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, dan ir-ragunament assolutament li mhuwiex legalment sostenibbli. Ghal xi raguni, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset ghal kollox milli tapplika d-dispozizzjonijiet legali applikabbli, u cioe' ir-**<u>Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (A.L.476 ta' l-2004).</u>** Ir-**<u>regolament 38</u>** ta' dan l-Avviz Legali jirregola b'mod mill-aktar ezawrjenti l-uzu tal-pjanci *Trial Run*, fejn, *inter alia*, fis-subinciz (1)(c) jaghmilha cara li l-pjanci jridu jkunu mwahhlin mal-vettura:

> *"Ghandhom jintuzaw <u>zewg pjanci</u> 'Trial Run', <u>wahda fuq quddiem tal-vettura u l-ohra fuq in-naha ta' wara tal-vettura</u>".*(sottolinear ta' l-esponent)

Il-ligi taghmel **<u>biss eccezzjoni wahda</u>** ghal dan ir-regolament, u cioe' meta jkun hemm *convoy* ta' vetturi:

> *"Izda, meta zewg vetturi jew izjed ikunu qeghdin jinsaqu flimkien wara xulxin, pjanca minn dawn ghandha titwahhal fuq in-naha ta' quddiemta' l-ewwel vettura u l-ohra fuq in-naha ta' wara ta' l-ahhar vettura".* (sottolinear ta' l-esponent)

Kwindi huwa carissimu u nkonfondibbli li z-zewg pjanci *Trial Run* **ghandhom ikunu mwahhlin mal-vettura**: jekk il-vettura tkun qed tinstaq wahedha jrid ikun hemm pjanca mwahhla fuq quddiem u ohra mwahhla fuq wara ta' l-istess vettura, u jekk il-vettura tkun qed tinstaq f'*convoy* ma' vetturi ohrajn, jrid ikun hemm pjanca mwahhla fuq quddiem ta' l-ewwel vettura u ohra mwahhla fuq wara ta' l-ahhar vettura. Il-fattur komuni huwa dejjem li **l-pjanci jridu jkunu mwahhlin mal-vetturi; fit-triq**, u mhux fil-garaxx, kif irritjeniet l-Ewwel Onorabbli Qorti !

Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, ir-ragunament adoperat minnha f'dan il-kaz mhux biss ma jsibx komfort fil-ligi, izda huwa ferm perikoluz. B'dan ir-ragunament, kull *car dealer* f'Malta jista' japplika u jottjeni par pjanci *Trial Run,* jitfaghhom fil-garaxx, u jkollu 'l-barka' sabiex jigri b'kull karozza li jrid, inkluz ghall-qadjiet personali tieghu, minghajr ma jaghmel polza ta' assikurazzjoni! Dan certament li m'huwiex l-ispirtu tal-ligi! Il-pjanci *Trial Run* mhumiex qeghdin hemm biex jigu abbuzati min-negozjanti tal-karozzi. Qeghdin hemm biex jaqdu funzjoni **cara u specifika,** kif ipprovdut fir-**Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (A.L.476 ta' l-2004)**.
Is-subinciz (1)(f) tar-Regolament 38 jaghti lista **tassattiva** (*exhaustive list*) ta' kif jistghu jintuzaw il-pjanci *Trial Run* (strettament ghal finijiet kummercjali), filwaqt li s-subinciz (1)(g) jaghmilha cara li ***"pjanci 'Trial Run' ma ghandhomx jintuzaw hlief ghal tragitt bi prova".***

L-esponent appellant ma jixtieqx itawwal inutilment. Il-ligi hi dik li hi. Biex l-appellat ikun kopert bil-polza ta' assikurazzjoni abbinata mal-pjanci *Trial Run* registrati fuq ismu:

1. dawn il-pjanci kellhom **necessarjament** ikunu mwahhlin mal-vettura li kien qieghed isuq; u
2. l-appellat ried ikun qieghed isuq il-vettura **bi prova**.

Evidentement l-appellat jehel mit-tnejn li huma: huwa nkontestat li l-pjanci ma kenux imwahhlin mal-vettura; u l-appellat ma kienx qed jipprova l-vettura *de quo*, jew jakkumpanja lil xi klijent prospettiv waqt sewqan bi prova – *trial run* – izda kien qieghed jaghmel il-qadi personali tieghu. Jekk ghas-sahha ta' l-argument l-appellat jargumenta (minkejja li l-atti processwali juru mod iehor) li huwa kien qed isuq il-vettura *de quo* bi prova, u kwindi jissostanzja t-tieni kwezit, xorta jibqa' l-fatt – krucjali u fundamentali – li l-pjanci ma kenux imwahhlin mal-vettura. Dan il-punt mhuwiex ikkontestat mill-appellat.

Kwindi, galadarba gie ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi (*vide* xhieda ta' Stephen Cachia a fol. 49 *et. seq.* ta' l-atti processwali, u l-ammissjoni ta' l-istess appellat) li l-vettura misjuqa mill-appellat fid-data *de quo* (Kia Carnival bin-numru tar-registrazzjoni BBR-496) ma kellhiex licenzja u polza ta' assikurazzjoni valida, u ippruvat ukoll sal-grad rikjest mill-ligi li l-pjanci *Trial Run* ma kenux imwahhlin ma' din il-vettura fid-data *de quo*, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex alternattiva hlief li ssib lill-appellat hati tas-seba' (7) imputazzjoni – xi haga li hija ma ghamlitx ghaliex irritjeniet, kuntrarju ghad-dispozizzjonijiet tal-ligi, li kien bizzejjed li l-pjanci jinzammu fil-garaxx!

Minbarra l-ligi, li hija cara u inekwivika, hemm ukoll kazistika tal-qrati taghna li taghti komfort lill-aggravju ta' l-esponent appellant.

Kaz b' *fattispecie* kwazi identici ghal dawk odjerni kien: ***Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa' vs Sammy (Saviour) Gatt,*** deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Gunju 2011. F'dan il-kaz il-Qorti sabet lill-imputat [*car dealer* li kellu mahrugin f'ismu sett pjanci *Trial Run*, ezattament bhal fil-kaz odjern] **<u>hati</u>** ta' l-akkuza ta' sewqan ta' vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni minhabba li:

> *Mill-provi jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni, il-vettura ma instaqitx bit-trial run plates u lanqas intuzat ghal skop ta' tragitt bi prova... Konsegwentement ma jirrizultax li l-vettura giet misjuqa in konformita' mal-ligijiet u regolamenti rilevanti".*

Fl-ahharnett l-esponent appellant, ghal fini ta' lealta' u precizjoni, jirrikonoxxi li kien hemm xi kazijiet, fosthom uhud decizi minn din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fejn il-Qorti, minkejja d-dispozizzjonijiet tal-ligi, lliberat imputati / appellanti li rnexxielhom igibu l-prova li minkejja li ma kellhomx il-pjanca *Trial Run* imwahhla fuq il-vettura, il-kumpanija assikurattrici kienet tkoprihom xorta wahda dwar riskji ta' terzi persuni. Dana, evidentement, ghaliex l-akkuza – bhal dik fil-kaz odjern – mihijiex dik ta' sewqan ta' vettura mhux licenzjata, izda ta' sewqan ta' vettura minghajr polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi. F'dawn il-kazijiet, fejn l-imputat gab prova li l-assikurattrici tieghu kienet tkoprih dwar riskji ta' terzi, minkejja li l-pjanci *Trial Run* ma kenux imwahhlin mal-vettura, il-Qorti lliberat minn akkuzi bhal dik mertu ta' dan l-appell.

L-izvilupp gurisprudenzjali kien fis-sens illi biex jigi ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi r-reat ta' sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni, f'kazijiet simili bhal dak odjern, kien bizzejjed ghall-Prosekuzzjoni li tipprova li l-imputat kien qed isuq il-vettura, u li l-pjanci *Trial Run* ma kenux imwahhlin ma' l-istess vettura. Pero' jekk l-imputat jishaq li minkejja li l-pjanci *Trial Run* ma kenux imwahhlin mal-vettura tieghu l-assikurazzjoni tieghu xorta wahda kienet tkoprih, **allura l-oneru tal-prova jghaddi fuqu biex HUWA jipprova dan**.

Fil-kaz ***Il-Pulizija (Spettur S. Micallef) vs Vincent Azzopardi***, deciz minn din l-Onorabbli Qorti fl-20 ta' Ottubru 2005 (*per* Onor. Imhallef J. Galea Debono), l-akkuzat kien qed isuq vettura bi prova, liema vettura, izda, ma kellhiex il-pjanci tat-*Trial Run* imwahhlin. L-akkuzat, pero', ipprezenta fl-Atti polza ta' assikurazzjoni li kienet tkopri l-vetturi kollha fil-kustodja tieghu (irrispettivament minn jekk kellhomx pjanci *Trial Run* inwahhlin jew le). Abbazi ta' din il-prova *pozittiva* **migjuba mill-appellant**, din l-Onorabbli Qorti lliberat lill-appellant mill-akkuza ta' sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni.

Fil-kaz ***Il-Pulizija vs Joseph Micallef***, deciz minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Marzu 2006 (*per* Onor. Imhallef D. Scicluna),din l-Onorabbli Qorti, f'kaz b'*fattispecie* simili ghall-kaz odjern, illiberat lill-appellant mill-akkuza ta' sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni minhabba li **l-appellant** esebixxa dikjarazzjoni mill-*Melita Insurance Agency Ltd.* li kienet tghid esplicitament li l-kumpannija assikuratrici kienet tkoprieh dwar riskji ta' terzi: *"the insurance of a*

*Trial Run Plate covers the insured in respect of any vehicle involved in an accident, even if the Number Plates are not fixed at the time of the incident, being of course a short period".*

Mela biex wiehed jirrikapitola, skond dan l-izvilupp gurisprudenzjali, meta persuna tkun qed issuq vettura bil-licenzja tat-triq skaduta u minghajr pjanci *Trial Run* imwahhlin ma' l-istess vettura, il-prezunzjoni hi li tali vettura **m'hijiex koperta b'polza ta' assikurazzjoni** dwar ir-riskji ta' terzi persuni. Kwindi, kemm-il darba l-Prosekuzzjoni tipprova li:

1. L-akkuzat kien qed isuq vettura;
2. Din il-vettura kellha l-licenzja tat-triq skaduta; u
3. Din il-vettura ma kellhiex pjanci *Trial Run* validi mwahhlin maghha

il-Prosekuzzjoni tkun ippruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-ligi u l-akkuzat ghandu jinstab hati ta' l-akkuza ta' sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni. **Jekk l-akkuzat jikkontendi mod iehor, l-oneru tal-prova jghaddi fuqu**.

Dan il-punt gie kristallizzat fis-sentenza: ***Il-Pulizija (Spettur M. Buttigieg) vs Paul Mangion***, deciza minn din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Frar 2010 (*per* Onor. Imhallef J. Galea Debono). F'din is-sentenza din l-Onorabbli Qorti ghamlitha cara daqs il-kristall li f'kazijiet fejn vettura tkun qed tinstaq minghajr licenzja ghat-triq:

> *"mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovina jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikurattrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art 3(1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t'assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi".*

Ghaldaqstant, jekk wiehed japplika dan l-izvilupp gurisprudenzjali ghall-kaz odjern, galadarba l-Prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-appellat Anthony Tanti kien qed isuq il-vettura BBR-496 bil-licenzja tat-triq skaduta u minghajr il-pjanci *Trial Run* inwahhlin, allura r-reat ta’ sewqan minghajr kopertura ta’ polza t’assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi kien ippruvat skond il-ligi, u kien imbaghad jispetta lill-appellat Anthony Tanti li jgib prova li turi mod iehor – xi haga li huwa ma ghamilx. Fil-fatt, wara li l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fl-20 ta’ Ottubru 2011 (*vide* fol. 47 ta’ l-atti processwali), id-difiza ma pprezentat ebda prova, u l-kawza ghaddiet ghat-trattazzjoni.

Illi tenut kont il-fatti **nkontestati** fuq esposti, u cioe’ li l-appellat Anthony Tanti kien qed isuq il-vettura *de quo* fit-triq bil-licenzja skaduta u minghajr pjanci *Trial Run* imwahhlin, u li l-istess appellat naqas milli jgib prova li l-vettura *de quo* kienet koperta b’ polza t’assikurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet QATT legalment u ragjonevolment tillibera lill-appellat mis-seba’ (7) imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu!
Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti li taw lok ghal dan l-appell jirrigwardaw incident stradali li gara fit-30 ta' Ottubru, 2010. Meta l-pulizija marru fuq il-post huma sabu zewg vetturi mahbuta li wahda minnhom kienet misjuqa mill-appellat. Hu kien qed isuq il-vettura Kia Carnival, bin-numru tar-registrazzjoni BBR 496. Il-pulizija gibdlu l-attenzjoni li din il-vettura ma kellhiex licenzja valida ghal dik is-sena. Jirrizulta li l-ahhar licenzja valida skadiet fit-30 ta' April, 2010 L-appellat wiegeb li hu kien 'car dealer' u kellu 'Trial Run Plates' bin-numru 52. Dawn il-plates ma gewx murija lill-pulizija fuq il-

post ta' l-incident u lanqas kienu mwahhla fuq il-vettura - wahda quddiem u l-ohra wara.

Illi l-appell tal-Avukat Generali appellanti jirrigwrda unikament u esklusivament is-seba' imputazzjoni u cioe' dik ta' sewqan minghajr polza ta' assikurazzjoni.
Illi l-appellant iddikjara li l-appellat bhala negozjant tal-vetturi wzati ghandu fil-pussess tieghu sett pjanci 'trial run', u fuq dawn il-pjanci hemm polza ta' assikurazzjoni valida. Il-pjanci tat-'trial run' ma kienux imwahhlin mal-vettura li kien qed isuq l-appellat. ghandu jigi rilevat li min imkien mill-provi prodotti, la mill-prosekuzzjoni u lanqas mid-difiza ma jirrizulta li l-appellat kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni. Mill-atti tirrizulta dikjarazzjoni mir-rappresentant ta' 'Transport Malta' li 'trial run' tkopri l-assigurazzjoni minnha nnifisha. Mill-atti ma jirrizultax jekk verament kien hemm polza valida li tkopri dina l-eventwalita'. Kienet tkun storja kompletament differenti kieku xehed rappresentant tas-socjeta' assikurativa ta' l-appellat li ddikjara li l-appellat kellu polza valida.

Dan qed jinghad ghaliex anki jekk, kif gara fil-kaz odjern, li l-appellat kien qed isuq vettura li ma kellhiex it-'trial run plates' imwahhla u lanqas ma ntuzat ghal skop ta' tragitt bi prova a bazi tar-regolament 36(3)(6) tal-LS 368.02 ma jfissirx li l-vettura kienet qed tinsaq minghajr ma kienet kopert b'polza ta' assikurazzjoni. F'kazijiet bhal dawn hemm in-necessita' anzi l-obbligu da parti tan-negozjant li jinforma l-pulizija jew jekk ikun il-kaz il-Qorti li hu kien koperta b'pola ta' assikurazzjoni. Is-sentenza citata mill-Avukat Generali appellanti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-30 ta' Marzu, 2006 kienet helset lin-negozjant apellant ghaliex kien ezebixxa dikjarazzjoni tas-socjeta' assikurativa tieghu.

Kif qalet ben tajjeb din il-Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Paul Mangion' tat-23 ta' Frar, 2010 jaghmel sens li tenut kont l-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jkun hemm l-inversjoni tal-prova kontra l-persuna akkuzata b'reat ta' sewqan minghajr ma jkun kopert b'polza ta' assikurazzjoni. L-appellat kellu jaghmel din il-prova biex jkun jista' jiddikjara li hu kien kopert skont il-ligi.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa l-appell tal-Avukat Generali appellanti. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati tas-seba' akkuza migjuba kontra tieghu u minflok issibu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu. Fil-kumplament, tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Rat l-artikolu 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lil Anthony Tanti ghal hlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500). Dwar is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan din il-Qorti mhiex ser tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' Anthony Tanti minhabba l-fatti ta' dan il-kaz li din il-Qorti tikkunsidra bhala ragunijiet specjali tenut kont tal-professjoni tieghu.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------